# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-16 ta' Frar, 2017**

**Rikors Numru 888/2007 SM**

**Joem Auto Parts Limited**
**(C-6684)**

**vs.**

**Anthony Debono K.I. 277856 (M)**
**Beatrice Debono K.I. 042126 (M)**
**Simone Dimech K.I. 339554 (M)**

**u**

**b'digriet datat it-18 ta' Jannar, 2011, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Simone Dimech u Anthony Debono sabiex ikomplu l-kawza minflok l-intimata Beatrice Debono li mietet fil-mori tal-kawza.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 t'Awwissu, 2007, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi permezz ta' kuntratt datat l-10 ta' Mejju, 2006, *in atti* tan-Nutar Pierre Falzon, is-socjeta` rikorrenti akkwistat il-garaxx/store bla isem u bla numru mal-livell tat-triq fi Zbibu Lane, San Gwann, sottopost ghal proprjeta` ta' terzi, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kif deskritt fl-istess kuntratt fuq riferit, (ara foll 4);

1.2. Illi wara li l-istess socjeta` rikorrenti akkwistat il-fond *de quo*, fl-ahhar gimgha t'Awwissu, 2006, rapprezentanti tal-istess indunaw li kien hemm difetti gravi fl-istess fond, fosthom:

1.2.1. Fit-travi;

1.2.2. Fil-kolonni tal-konkos;

1.3. Illi l-istess difetti gew elenkati f'rapport peritali, (ara foll 8);

1.4. Illi l-istess difetti kienu mohbija fiz-zmien tal-akkwist;

1.5. Illi l-istess difetti jnaqqsu l-valur tal-fond in dizamina;

1.6. Illi kieku kienet taf b'dawn id-difetti s-socjeta` rikorrenti ma kienitx tixtri l-istess fond jew kienet toffri prezz ferm anqas ghall-istess;

1.7. Illi l-intimati jew uhud minnhom kienu jafu bid-difetti in dizamina u hbewhom deliberatament;

1.8. Illi ghalhekk l-intimati ghandhom jirrispondu wkoll ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti;

1.9. Illi ghalkemm interpellanti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.10. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara li l-fond mibjugh hu affett minn u kien jikkontjeni vizzji okkulti;

1.10.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti parti mill-prezz tal-bejgh – liema ammont jigi likwidat bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.10.3. Tikkundanna wkoll lill-intimati, inkwantu anke jekk uhud minnhom kienu jafu bid-difetti fil-fond, biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti dawk id-danni li jigu likwidati, jekk hemm bzonn, bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.10.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-29 t'Awwissu, 2007, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghal-udjenza hemm indikata, (ara foll 9);

3. Rat ir-rikors tal-intimati datat il-11 ta' Jannar, 2008, li permezz tieghu, wara li ppremettew li kienu fi stat ta' kontumacja, talbu li jinghataw l-opportunita` li jiggustifikaw l-istess u b'hekk jigu awtorizzati jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom, (ara foll 14);

4. Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata l-31 ta' Lulju, 2009, rigwardanti l-kwistjoni tal-kontumacja sollevata, (ara foll 58);

5. Rat it-trattazzjoni fir-rigward datata l-21 ta' Jannar, 2010, (ara foll 65);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat t-13 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, ordnat in-notifika mill-gdid tar-rikors guramentat promotur lill-intimati hemm indikati u regghet iddifferiet il-procedura mill-gdid ghat-trattazzjoni finali dwar il-gustifikazzjoni *o meno* tal-kontumacja tal-intimat Anthony Debono, (ara foll 84);

7.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Simone Dimech datata l-21 ta' Dicembru, 2010, ghar-rikors guramentat promotur li fiha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti: (ara foll 90)

7.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

7.2. Illi ma kien hemm l-ebda difett mohbi li jista' jaghti lok ghall-*actio aestimatoria* u/jew ghad-danni reklamati;

7.3. Illi konsegwentement t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

7.4. Illi kull ma jirrizulta li kien hemm kien *"spalling"* minimu li jista' jigi rrangat b'manutenzjoni minima u ordinarja;

7.5. Illi dan l-*ispalling* kien jista' facilment jigi innotat *molto piu`*, meta s-socjeta` rikorrenti kienet fil-pussess tal-istess fond ghal perjodu sostanzjali qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt in dizamina;

7.6. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda lok ghal:

7.6.1. Riduzzjoni fil-prezz; jew ghal

7.6.2. Rifuzjoni ta' parti mill-prezz imhallas; jew ghal

7.6.3. Hlas ta' danni rikjamati;

7.7. Illi *di piu`*, it-talba ghall-kundanna ta' hlas ta' danni ma gietx preceduta minn talba ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghall-istess u konsegwentement, it-tielet (3) talba tas-socjeta` rikorrenti hi irritwali u insostenibbli;

7.8. Illi finalment, l-istess socjeta` rikorrenti trid tipprova x-xjenza li qed tallega f'kull wiehed u wahda mill-intimati;

8. Rat ir-risposta guramentata datata l-15 ta' Gunju, 2011, li permezz taghha, l-aventi kawza u eredi tal-mejta Beatrice Debono li f'isimhom gew trasfuzi l-atti, li essenzjalment irriproducew l-istess risposta precedentement inoltrata mill-intimata Simone Dimech, (ara paragrafu numru sebgha punt zero, (7.0.), aktar qabel u foll 103);

9. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat il-5 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, awtorizzat lill-intimat Anthony Debono

jipprezenta r-risposta guramentata tieghu ghar-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 109);

10. Rat ir-risposta guramentata datata t-18 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha l-istess intimat Anthony Debono essenzjalment irriproduca wkoll l-istess risposta precedentement intavolata mill-intimata Simone Dimech, (ara paragrafu numru sebgha punt zero, (7.0.), aktar qabel u foll 110);

11. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu, fuq talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, innominat perit tekniku hemm indikata biex tara hemmx difetti mohbija u jekk hemm, tistabbilixxi l-valutazzjoni taghhom, (ara foll 115), u dak ulterjuri taghha datat it-8 ta' Mejju, 2012, (ara foll 133);

12. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-24 ta' Frar, 2012, (ara foll 122), flimkien ma dik sussegwenti datata t-12 ta' Lulju, 2012, (ara foll 144);

13. Rat id-domandi in eskussjoni datati t-8 ta' Mejju, 2012, (ara foll 135);

14. Rat id-digriet taghha datat iz-17 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, wara li r-rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti sostniet li kien ghad hemm periklu fil-fond *de quo*, regghet hatret lill-istess perit tekniku fuq riferita biex terga teccedi fl-istess fond u tikkonstata jekk hemmx l-allegat periklu, (ara foll 200);

15. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-25 ta' Frar, 2014, (ara foll 215);

16. Rat in-nota datata s-16 ta' Marzu, 2016, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti resqet is-sottomissjonijiet finali taghha fir-rigward, (ara foll 271), flimkien ma dik tal-intimati datata l-14 t'Ottubru, 2016, (ara foll 286);

17. Semghet ix-xhieda prodotta;

18. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

19. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

20.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

20.1. Illi permezz ta' kuntratt datat l-10 ta' Mejju, 2006, *in atti* tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, is-socjeta` rikorrenti xtrat il-garaxx meritu ta' din il-procedura fi Zbibu Lane, San Gwann, minghand l-intimati ghall-prezz ta' sittin elf Lira Maltin, (Lm60,000.00), (ara foll 4 *et sequitur*);

20.2. Illi s-socjeta` rikorrenti tallega li l-istess garaxx kien fih difetti latenti gravi tali, illi kieku kienet taf bihom: (ara foll 2)

20.2.1. Jew ma kienitx tixtri l-fond;

20.2.2. Jew kienet toffri prezz ferm anqas;

20.3. Illi l-istess socjeta` ssosstni wkoll li l-intimati kienu jafu bid-difetti u konsegwentement ghandhom ghalhekk jirrispondu ghad-danni, (ara foll 2);

20.4. Illi daparti taghhom l-intimati jirrespingu tali allegazzjonijiet u sintetikament isosstnu li kull ma jirrizulta hu li hemm biss *"spalling"* minimu li kien facilment notat u seta' bl-istess facilita` jigi ripristinat b'semplici manutenzjoni ordinarja, (ara foll 90 u 92);

Ikkunsidrat:

21. Illi jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-*actio aestimatoria* kif stabbilita fl-**artiklu 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jistabbilixxi li:

> "... ix-xerrej jista` jaghzel ... li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-qorti";

22. Illi fir-rigward, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** stabbiliet is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet ***Abela et vs. Micallef et***, datata d-***9 ta' Jannar, 2012***:

> "Ir-rekwiziti sabiex tirnexxi din l-azzjoni huma (i) li l-vizzju jkun okkult fil-mument tal-bejgh b'tali mod li x-xerrej ma setghax jinduna bih; (ii) li n-natura tal-vizzju riskontrat ikun tali li tnaqqas il-valur tal-progett mibjugh jew li tirrendih mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih kien mahsub ... Inkwantu ghan-natura okkulta tad-difett hu pacifiku mill-gurisprudenza illi d-difett ikun mohbi meta ma jkunx facilment reperibbli ghal bniedem mhux tas-sengha, (ara ***Josephine Mallia vs. Emanuel Abela et, Appell Civili***, datat l-***1 ta' Gunju, 2007***). Inoltre hu wkoll stabbilit illi d-difett innifsu irid ikun ta' certa "gravita`" relattivament ghal haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha fis-sens li l-qorti trid tkun sodisfatta illi d-difett lamentat kien inaqqas talment il-valur li x-xerrej jew ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz inqas, (ara ***Vincenza Scicluna vs. George Azzopardi noe., Appell Civili***, datat it-***22 ta' Gunju, 1959, Vol. XLIII, P.I. p.317***);

Ikkunsidrat:

23. Illi fid-dawl tal-gurisprudenza suesposta l-ewwel li jinhtieg li jsir hu issa li jigi ezaminat jezistux ir-rekwiziti necessarji li jsahhu t-tezi tal-ezistenza tad-difett mohbi kif mitlub u allegat mis-socjeta` rikorrenti;

24. Illi *l*-***artiklu 1424 tal-Kap 16*** fuq riferit jistabilixxi s-segwenti:

> "Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija misjuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom";

Ikkunsidrat:

25.0. Illi fid-dawl tas-suespost, ezami tar-rizultanzi *in atti* jirrizulta sintetikament fis-segwenti:

25.1. Illi skont il-klawsola numru 5 tal-kuntratt tal-10 ta' Mejju, 2006, fuq gia` riferit, jirrizulta affermat li l-proprjeta` in dizamina hi:

"... mibnija bis-sengha u l-arti u bil-permessi skont il-ligi", (ara foll 5);

25.2. Illi fid-dawl tal-istess, la allura fil-kuntratt ta' kompravendita ma jissemma xejn fir-rigward ta' difetti, ghandha tirrizulta logika l-konkluzjoni li d-difetti eventwalment riskontrati ma kienux apparenti fil-mument tal-akkwist;

25.3. Illi skont il-perit tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li meta spezzjona l-fond *de quo* fl-4 ta' Settembru, 2006, ikkonstata sintetikament is-segwenti: (ara foll 8)

25.3.1. Illi l-fond kien fi stat tajjeb;

25.3.2. Illi kien ghadu kemm gie imbajjad;

25.3.3. Illi wara spezzjoni aktar bir-reqqa rrizulta s-segwenti:

25.3.3.i. Illi kien hemm numru ta' xquq orizzontali, (konsenturi), taht ix-xorok principali;

25.3.3.ii. Illi kien hemm ukoll xquq vertikali, (konsenturi), fil-kolonni tal-konkrit rinforzat;

25.3.4. Illi dawn il-konsenturi jindikaw tfarfir jew skjeggatura tal-konkrit li jirrizulta meta l-isteel tal-pilastri jissaddad u jespandi, biex b'hekk jaqsam l-aktar parti esterna tal-konkrit;

25.4. Illi skont xhieda ta' Charles Borg li jsosstni li kien jiffrekwenta l-garaxx *de quo* b'mod regolari, (ara foll 188), jirrizulta s-segwenti:

"Niftakar li kien hemm l-ilma jiskula mill-proprjeta` ta' fuq dan il-garaxx li kkawzat hsara fl-istess saqaf ta' dan il-garaxx. L-ilma nahseb li kien ilu gej pero` damu biex skoprew il-hsarat li kienu qed isiru. Imbaghad bdew ifaqqghu certu

partijiet tas-saqaf u l-imghallem ha azzjoni dovuta";

25.5. Illi skont l-intimat Anthony Debono jirrizulta li fil-perjodu li l-fond *de quo* kien gestit mill-intimati, u allura qabel ma inbiegh lis-socjeta` rikorrenti, l-istess intimati kienu rrangaw il-post u effettivament:

> "Sar xoghol ta' tibjid. Peress li fis-saqaf kien hemm partijiet minnu li beda jaqa' xi bicciet minnu u dawn irrangawh b'mod professjonali. Uzaw ukoll l-ahjar prodotti fis-suq biex jirrangaw", (ara foll 251);

25.6. Illi konsegwentement ghandu jkun pacifiku li l-interventi riferiti fil-paragrafu precedenti, senjatament it-tibjid u l-intervent hemm riferit, hbew id-difetti eventwalment riskontrati mis-socjeta` rikorrenti wara li xtrat il-fond *de quo*;

25.7. Illi l-espert tekniku nominata ikkonkludiet ir-relazzjoni taghha sintetikament bil-mod segwenti: (ara foll *126 et sequitur*)

25.7.1. Illi hu difficli li jigi stabbilit meta feggew il-konsenturi;

25.7.2. Illi "... l-blokka kienet mibnija b'mod ta' kostruzzjoni inferjuri, "*bad workmanship*", u certu linji gwida li jigu applikati l-lum il-gurnata ma gewx adottati f'dan il-kaz u ghalhekk dan irrizulta fi prodott ta' kostruzzjoni inferjuri. Din il-konkluzjoni l-esponenti waslet ghaliha abbazi li l-konsenturi huma kollha fiz-zona tal-*cover* li l-iskop tieghu hu proprju biex jipprotegi l-hadid milli jigi f'kuntatt mal-arja u jibda' jissaddad", (ara foll 127);

25.7.3. Illi *di piu`*, it-tiswijiet maghmula mill-intimati ma sarux sew, (ara foll 127);

25.7.4. Illi t-travi mhumiex fi stat perikoluz u jistghu jissewwew bi prodott tajjeb, (ara foll 127);

25.7.5. Illi l-pilastri kienu jinhtiegu investigazzjonijiet ulterjuri, (ara foll 127) ghalkemm jirrizulta li saru skont is-sengha u l-arti, (ara foll 147);

25.7.6. Illi l-ispiza biex jissewwew it-travi principali kienet stmata li tiswa komplessivament elfejn sitt mija u tmienja u disghin euro, (€2,698.00), oltre l-VAT, (ara foll 128 u 228);

25.7.7. Illi l-ispiza biex jissewwew it-travi sekondarji kienet stmata li tiswa komplessivament elf erba' mija u hamsin euro, (€1,450.00), oltre l-VAT, (ara foll 228);

25.7.8. Illi l-ispiza biex jissewwew il-pilastri kienet stmata li tiswa komplessivament sitt elef tlett mija u ghoxrin euro, (€6,320.00), oltre l-VAT, (ara foll 229);

25.7.9. Illi l-ispiza biex jissewwew is-soqfa kienet tiswa elf hames mija u sitta u sebghin euro u zewg centezmi, (€1,576.02), oltre l-VAT (ara foll 229);

25.7.10. Illi in vista tal-premess, l-istima globali involuta biex il-fond jitranga skont is-sengha u l-arti allura, tammonta ghal tnax- il elf u erbgha u erbghin euro, (€12,044.00), (ara foll 230);

26. Illi konstatat is-suespost, din il-qorti tiddikjara li tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-istess perit tekniku minnha nominata u taghmel taghha l-istess konkluzjonijet fuq sintetikament elenkati;

Ikkunsidrat:

27. Illi jirrizulta li l-perit tas-socjeta` rikorrenti effettwa l-ezami tekniku tieghu fl-4 ta' Settembru, 2006, (ara foll 8), erba' (4) xhur wara li l-istess socjeta' kienet xtrat l-istess fond in dizamina, (ara foll 4);

28. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla ta-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Francesco Saverio Gatt vs. Paolo Azzopardi,*** datata l-***5 ta' Frar, 1955***, li ssosstni li:

> "Il-ligi ma tezigix diligenza straordinarja f'min ikun sejjer jixtri fond, imma biss illi huwa minn ispezzjoni tal-fond b'attenzjoni medjokri u ordinarja, ma jkunx jista' jirrileva l-ezistenza tad-difetti .... il-kompratur ghandu juza d-diligenza ordinarja fl-ezami tal-haga li jkun ser jixtri, b'mod li ma jkunx jista' jinghad li hu pproceda negligentement; imma d-difett jibqa' dejjem okkult meta x-xerrej ma jkunx jista' jikxfu hlief b'verifiki u esperimenti li skont l-uzu u l-kostumi vigenti ma jigux pratikati minn missier tajjeb ta' familja u li *stante* illi d-difetti kienu latenti, ma hemmx xi nuqqas taghha illi hija ma indunatx b'difetti illi fil-fatt setghet tinduna bihom";

Ikkunsidrat:

29. Illi *di piu`* jigi senjalat li l-qorti odjerna hi konxja mid-delikatezza tas-sitwazzjoni riskontrata, *molto piu`*, fid-dawl tal-osservazzjoni tal-istess perit tekniku nominata li sostniet li:

> "... ma tistax tikkonkludi jekk id-difetti kienux mohbija jew le", (ara foll 127);

30. Illi f'dan il-kuntest l-istess perit tekniku in dizamina issosstni li jekk il-konsenturi kienu gia` jezistu fid-data tal-akkwist, allura wiehed seta' jarhom – anke jekk dawn kienu irqaq hafna, (ara foll 127);

31. Illi in effetti, ghandu jkun pacifiku li rizultat tal-perkolazzjoni tal-ilma mill-fond sovrastanti il-garaxx in dizamina, u tal-fatt, li l-intimati rrangaw il-hsarat riskontrati, (ara foll 251), il-fond *de quo* kien ghalhekk kolpit b'vizji okkultati, u konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kellha kull dritt tintavola l-procedura odjerna *stante* li d-difetti riskontrati, ghalkemm mhux ta' natura serja, kienu xorta wahda mohbija;

Ikkunsidrat:

32. Illi rigward ir-rifuzjoni ta' parti mill-prezz kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti ssir riferenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Kummerc***, fil-kawza fl-ismijiet ***Martin Bajada vs. Anthony Paul Demajo nomine***, datata s-***7 ta' Novembru, 1988*** li tghid is-segwenti:

> "Illi fil-kaz tal-*"actio aestimatoria"*, il-qorti ghandha tistabbilixxi x'ammont anqas kien ihallas ix-xerrej li kieku, fil-mument tax-xiri, kien jaf bid-difett. Din hi materja pjuttost soggettiva u fl-istess hin mhux bilfors tkun involuta l-ispiza necessarja ghar-rimedju tad-difett meta jinkixef. Ir-ricerka li ghandha taghmel il-qorti hija necessarjament u unikament relatata ghaz-zmien li fih sar il-kuntratt tax-xiri",

33. Illi f'dan ir-rigward, ghall-fini tal-indikazzjoni tal-ammont *de quo*, senjatament dak li s-socjeta` rikorrenti, bhala l-kompratur tal-fond meritu tal-procedura odjerna, ser issir referenza ghall-ammont komplessiv tal-istima li saret mill-perit tekniku hawn nominata biex il-hsarat riskontrati jigu ripristinati, hu dak ta' €12,044.00, (ara paragrafu numru hamsa u ghoxrin, punt seba' punt ghaxra, (25.7.10.), aktar qabel, u foll 230);

Ikkunsidrat:

34. Illi s-socjeta` rikorrenti qieghed titlob ukoll id-danni allegatament minnha sofferti minhabba d-difett latenti riskontrat;

35. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghall-artiklu 1429 tal-Kap 16 fuq riferit li jistipula s-segwenti:

> "(1) Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej";

36. Illi fir-rigward tar-risposta tal-intimati li *stante* li t-talba ghad-danni mhix preceduta minn talba appozita ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita`, jinghad li t-talba in dizamina m'ghandiex

necessarjament tkun hekk preseduta *stante* li l-istess hu dezunt mill-istess premessi kontenuti fir-rikors guramentat promotur;

37. Illi jinghad pero` li s-socjeta` rikorrenti naqset li tissosstanzja t-talba taghha bil-provi necessarjament rikjesti biex tintlaqa' tali talba, senjatament li ma setghetx taghmel uzu sewwa mill-garaxx in dizamina;

38. Illi in effetti jirrizulta li l-fond *de quo* kien qieghed jintuza bhala mahzen mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 123);

Ikkunsidrat:

39.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ssodisfat parzjalment il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

39.1. Tirrespingi r-risposti guramentati kollha tal-intimati, bl-eccezzjoni tar-risposta rigwardanti d-danni rikjamati mis-socjeta` rikorrenti, li qed tigi akkolta;

39.2. Illi takkolji l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tas-socjeta` rikorrenti;

39.3. Illi in vista tal-premess tikkundanna lill-intimati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' tnax- il elf euro, (€12,000.00), bhala rifuzjoni ta' parti mill-prezz tal-bejgh indikat fil-kuntratt ta' kompravendita in dizamina datat l-10 ta' Mejju, 2006;

39.4. Tirrespingi t-tielet (3) talba tas-socjeta` rikorrenti *stante* li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova li soffriet id-danni minnha rikjamati;

39.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura jigu maqsuma bil-mod-segwenti:

39.5.1. Hamsa minn sitta, (5/6), mill-intimati;

39.5.2. Wiehed minn sitta, (1/6), mis-socjeta` rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**